

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14309/23

JAI 1328
FREMP 290
DIGIT 220
SOC 692
HYBRID 72
DISINFO 84

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13399/23 + COR 1 + 13399/23 ADD 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ottubru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali, adottati mill-Kunsill fit-3976 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ottubru 2023.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-AWTONOMIZZAZZJONI
DIĠITALI BIEX JIĠU PROTETTI U INFURZATI D-DRITTIIJIET
FUNDAMENTALI FL-ERA DIĠITALI**

Preambolu

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

- a) **Filwaqt li jfakkar** fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 6 tiegħu,
- b) **Filwaqt li jfakkar** fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3), l-Artikoli 8, 9 u 16, l-Artikolu 67(1), l-Artikoli 151 u 162, u l-Artikolu 166(2) tiegħu,
- c) **Filwaqt li jfakkar** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "il-Karta"), li tintitola lil kulħadd jagħmel użu sħiħ mid-drittijiet u l-opportunitajiet tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 11, 14, 15, 21, 23, 24, 25, 36, 47, 51 u 52 tagħha,
- d) **Filwaqt li jfakkar** li d-drittijiet fundamentali huma l-pedament ta' kwalunkwe soċjetà demokratika, u l-protezzjoni tagħhom, kemm online kif ukoll offline, hija essenzjali biex tiġi żgurata d-dinjità tal-bniedem li saret saħansitra aktar diffiċli fl-era diġitali,
- e) **Filwaqt li jfakkar** fir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Karta u, b'mod partikolari, ir-rapport tal-2021, dwar il-"Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Era Diġitali",

- f) **Filwaqt li jfakkar** fil-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, li s-soċjetà diġitali Ewropea jeħtieġ li tirfed u tappoġġa d-demokrazija permezz tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, ambjent diġitali sigur u miftuħ u servizzi pubbliċi u amministrazzjoni diġitali aċċessibbli u ċċentrati fuq il-bniedem,
- g) **Filwaqt li jissottolinja** li d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tafterma li s-sovranità diġitali tal-Ewropa għandha tinbena fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, l-ugwaljanza, ir-reżiljenza, is-sigurtà u d-disponibbiltà tas-servizzi, u li kulħadd għandu jkollu l-opportunità li jikseb il-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati kollha,
- h) **Filwaqt li jfakkar** fid-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern elettroniku (Ottubru 2017)¹, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa (Ġunju 2020)², il-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-kuntest tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-Bidla Diġitali (Ottubru 2020)³, id-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar is-Soċjetà Diġitali u l-Gvern Diġitali bbażat fuq il-Valur (Diċembru 2020)⁴ u d-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar id-Demokrazija Diġitali bi Skop (Ġunju 2021)⁵, fost l-oħrajn,
- i) **Filwaqt li jilqa'** l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari r-rapport "Getting the future right: Artificial intelligence and fundamental rights" (Tħejjija tajba għall-futur: l-Intelliġenza artifiċjali u d-drittijiet fundamentali), aġġornamenti annwali dwar l-ispazju ċiviku fl-UE, ir-riċerka fl-oqsma tal-mibegħda u l-moderazzjoni tal-kontenut online u r-rapport bit-titlu "Fundamental rights of older persons: ensuring aċċess to public services in digital societies" (Id-drittijiet fundamentali għal persuni akbar fl-età: niżguraw l-aċċess għas-servizzi pubbliċi fis-soċjetajiet diġitali",

¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/ministerial-declaration-egovernment-tallinn-declaration>

² [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XG0616\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XG0616(01))

³ <https://www.consilium.europa.eu/media/46496/st11481-en20.pdf>

⁴ https://ec.europa.eu/isa2/news/eu-member-states-sign-berlin-declaration-digital-society_en

⁵ <https://www.lisbondeclaration.eu>

- j) **Filwaqt li jieħu nota** tal-ħidma tal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali bħall-Kumitat għall-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa li adottat pjan ta' azzjoni għall-2022-2025 dwar id-Diġitalizzazzjoni għal ġustizzja aħjar",
- k) **Filwaqt li jikkunsidra** li t-trasformazzjoni diġitali qed tbiddel il-mod kif nikkomunikaw, nirrelataw ma' xulxin, naħdmu, nitgħallmu, naċċessaw is-servizzi u ngħixu l-ħajja tagħna ta' kuljum, inkluż kif id-drittijiet fundamentali tagħna huma affettwati u protetti, u li l-individwi jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet offruti mit-trasformazzjoni diġitali jekk jiżviluppaw ħiliet xierqa u jingħataw l-għodod meħtieġa biss,
- l) **Filwaqt li jikkunsidra** li l-livell ta' ambizzjoni propost tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali huwa li sal-2030 is-servizzi pubbliċi ewlenin jiġu offruti 100 % online għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej,
- m) **Filwaqt li jagħraf** l-importanza tal-promozzjoni tal-aċċessibbiltà u l-ħtieġa li jiġi indirizzat id-distakk diġitali⁶, aggravat mill-kriżi tal-COVID-19, u r-riskju akbar ta' esklużjoni,
- n) **Filwaqt li jfakkar** li waħda mill-miri tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hija li sal-2030 mill-inqas 80 % tal-adulti jkollhom ħiliet diġitali bażiċi bħala prekondizzjoni biex jiżiedu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà f'Ewropa ttrasformata b'mod diġitali,
- o) **Filwaqt li jafferma mill-ġdid** li d-drittijiet fundamentali japplikaw bl-istess mod online u offline, u li kulħadd għandu jkollu l-opportunità u l-appoġġ biex jikseb ħiliet diġitali bażiċi sabiex ikun jista' jifhem u jeżerċita d-drittijiet tiegħu, kif ukoll biex igawdi l-potenzjal sħiħ tas-servizzi pubbliċi u privati, li qed jiġu pprovduti aktar u aktar online,

⁶Id-distakk diġitali jirreferi għad-distinzjoni bejn dawk li għandhom aċċess għall-internet jew teknoloġiji diġitali oħra u li jistgħu jagħmlu użu minn servizzi online, u dawk li huma esklużi minn dawn is-servizzi. [Definizzjoni tal-Eurostat](#)

- p) **Filwaqt li jinnota**, f'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, li l-2023 hija s-Sena Ewropea tal-Ħiliet u li kemm il-ħiliet diġitali bażiċi tan-nies u tan-negozji, kif ukoll il-ħiliet diġitali speċjalizzati għall-forza tax-xogħol, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, huma prerekwiżit għall-parteċipazzjoni attiva fid-deċennju diġitali u s-sovranià diġitali tal-Unjoni,
- q) **Filwaqt li jagħti l-impenn tiegħu** li jibni fuq trasformazzjoni diġitali bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrata fuq il-bniedem u fuq il-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inkluż billi jinbnew servizzi pubbliċi diġitali li jkunu inklużivi u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, il-persuni akbar fl-età, u l-persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, kif ukoll billi tali approċċ u allinjament mal-istandards tal-UE jiġu promossi fil-livell internazzjonali.

L-awtonomizzazzjoni diġitali lill-individwi u lis-setturi ewlenin

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. **Ifakkar** li t-trasformazzjoni diġitali trid tikkontribwixxi għall-kisba tal-ugwaljanza, kif ukoll għal soċjetà ġusta u inklużiva fl-UE,
2. **Jissottolinja** li kulħadd għandu d-dritt għall-aċċess ta' servizzi pubbliċi u privati essenzjali u ewlenin ta' kwalità tajba, u li wieħed mill-għanijiet tad-diġitalizzazzjoni huwa li tippromwovi u tiffaċilita l-aċċess għal dawn is-servizzi essenzjali u ewlenin,

3. **Jirrikonoxxi** li 46 % taċ-ċittadini Ewropej⁷ bħalissa ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi, u li sabiex jitnaqqas dan id-distakk diġitali, li jista' jkun sors potenzjali ta' periklu u esklużjoni għaċ-ċittadini iżda wkoll ostaklu għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, dawn il-persuni għandu jkollhom l-opportunità u l-appoġġ biex jiksbu l-ħiliet diġitali meħtieġa biex jaċċessaw l-internet u l-prodotti u s-servizzi diġitali b'mod regolari u sikur.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri biex skont il-kompetenzi tagħhom:

4. **Jipromwovu** litteriżmu fil-media u kompetenza diġitali adegwati permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, bħala dritt li jinkisbu ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati,
5. **Iżidu l-isforzi** biex inaqqsu d-distakk diġitali billi jnaqqsu d-differenza bejn daww li għandhom aċċess għal servizzi tal-internet affidabbli u għodod diġitali u l-profiċjenza li jużawhom, u daww li ma għandhomx, filwaqt li jiġbdu attenzjoni speċjali għad-distakk urban/rurali u d-distakk minħabba l-istatus soċjoekonomiku, id-diżabilità, l-età jew il-ġeneru, billi jippermettu l-aċċess għal konnettività tal-internet veloċi u teknoloġija diġitali, bl-ġhajjnuna tal-finanzjament tal-Unjoni,
6. **Jieħdu l-miżuri xierqa kollha** biex jiżguraw li kulħadd ikun jista' jaċċessa bl-istess mod is-servizzi pubbliċi online, b'mod partikolari billi joffri pariri u appoġġ matul il-proċess kollu, meta jinnaviga fuq siti web pubbliċi, juża formoli online u jissottometti dokumenti online, u billi jżomm alternattivi mhux diġitali, fejn meħtieġ, biex jiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; filwaqt li jqisu dan kollu, jipprovdu wkoll aċċess sigur permezz ta' mezzi adegwati ta' identità diġitali,

⁷ Fir-rigward tan-nisa biss, il-perċentwal jiżdied għal 49 %, filwaqt li għall-irġiel jonqos għal 43 %.
[https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/isoc_sk_dskl_i\\$DV_317/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/isoc_sk_dskl_i$DV_317/default/table?lang=en)

7. **Jaħdmu lejn is-sensibilizzazzjoni** fost il-pubbliku, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh, b'lingwa adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, dwar l-importanza tal-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali tagħhom fid-dinja diġitali u jipprovduhom għarfien dwar kif tinġabar, tiġi pproċessata u użata d-data tagħhom u kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt li jaċċessaw id-data personali tagħhom stess, id-dritt li din tintesa, u kif jikkonfiguraw is-settings tal-privatezza u jużaw il-kriptaġġ biex jipproteġu d-data personali tagħhom stess,
8. **Jadottaw il-miżuri meħtieġa** biex jipprovdu protezzjoni speċifika u/jew ħiliet diġitali mfassla għall-ħtiġijiet ta' gruppi differenti ta' persuni, bħal:
- **Tfal u żgħażaġh:** billi jinkludu kontenut diġitali ta' kwalità għolja fil-programmi edukattivi – inkluż programmi ta' taħriġ għall-għalliema u għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh – filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess għat-tagħmir, jiprovduhom il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod sikur fl-ambjent diġitali, jgħinuhom, fost l-oħrajn, jidentifikaw il-bullying ċibernetiku, il-grooming u forom oħra ta' fastidju u kriminalità online, ixerrdu informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli għat-tfal u ż-żgħażaġh li huma vittmi tal-kriminalità online, jindirizzaw prattiki kummerċjali aggressivi, jintroduċu sistemi ta' verifika tal-età għall-aċċess għall-kontenut online u jippromwovu limiti ta' żmien xierqa fuq l-iskrin (f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u b'kont meħud tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal),

- **Persuni akbar fl-età:** billi jappoġġaw u jipprovdu assistenza u gwida permezz tal-proċess ta' trasformazzjoni diġitali biex jgħinu lil dawk li jeħtieġu appoġġ biex jaċċessaw servizzi online essenzjali u ewlenin, jużaw modi ġodda ta' komunikazzjoni u jgawdu mill-opportunitajiet li joffri l-internet għad-divertiment, it-tagħlim, l-arrikkiment personali u l-ġestjoni tal-ħajja ta' kuljum, filwaqt li jsiru konxji tar-riskji possibbli tagħha, bħall-iscams tal-phishing, is-serq tal-identità u d-diżinformazzjoni, u kif tali riskji jistgħu jittaffew, u jiżguraw li jifhemu kif jipproteġu d-data personali tagħhom (f'konformità mal-Artikolu 25 tal-Karta),
- **Nisa u bniet:** billi jiżguraw il-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fil-qasam diġitali u l-aċċess tagħhom għall-ħiliet diġitali, li jibqa' limitat, billi jħeġġu l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-intraprenditorija diġitali u fl-oqsma STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) u billi jżidu l-isforzi għall-ġlieda kontra l-vjolenza online kontra n-nisa u l-bniet u l-fastidju kontribom, sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri u n-nisa u l-bniet ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet tat-tranżizzjoni diġitali (f'konformità mal-Artikolu 23 tal-Karta),
- **Persuni b'diżabilità:** billi jneħħu l-ostakli għall-ambjenti diġitali, b'mod partikolari billi jipprovdu l-prodotti u s-servizzi meħtieġa biex jiffaċilitaw l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà diġitali (f'konformità mal-Artikolu 26 tal-Karta u l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li l-UE aderiet magħhom),

- **Persuni li jgħixu f'żoni rurali:** billi jiffaċilitaw l-aċċess għall-internet għall-komunitajiet f'żoni b'inqas kopertura tal-broadband u b'inqas mezzi diġitali,
- **Persuni soċjalment żvantaġġati u dawk f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli:** billi jippromwovu l-akkwist ta' ħiliet diġitali u jiġġieldu kontra l-esklużjoni diġitali u jiffaċilitaw l-aċċess għall-amministrazzjonijiet pubbliċi,
- **Ħaddiema:** billi jipprovdu taħriġ professjonali suffiċjenti u adegwat biex jgħammruhom, b'mod partikolari lin-nisa, għal impjiegi diġitali ġodda u jipproteġuhom mill-qgħad, li jagħtu lil kulħadd il-possibbiltà li jaġġustaw għall-bidliet li jirriżultaw mill-użu ta' għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol, inkluż it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) użata għal skopijiet ta' xogħol, permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, ġusti, tajbin għas-saħħa u sikuri u l-konformità mad-drittijiet tax-xogħol, inkluż id-dritt għall-iskonnessjoni mill-għodod diġitali meta ma jkunux xogħol,
- **Konsumaturi:** billi jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jagħmlu għażliet awtonomi u infurmati u jillimitaw l-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet u l-preġudizzji, inkluż permezz ta' reklamar immirat u xejriet ta' disinn qarrieqa fl-interfaċċi tal-utenti,
- **Persuni li jivvutaw:** billi jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu infurmati tajjeb u mgħammra b'ħiliet ta' litteriżmu fil-media u kompetenza diġitali, meħtieġa biex jeżerċitaw għodidju f'realtajiet kumplessi li jaffettwaw l-isfera demokratika, b'mod partikolari billi jindirizzaw il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni relatati mal-elezzjonijiet jew b'xi mod ieħor jaffettwaw elezzjonijiet ħielsa u ġusti, filwaqt li jippreservaw il-libertà tal-espressjoni,

- **Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti:** billi jipproteġuhom mit-theddid diġitali u jippermettulhom isaħħu b'mod effettiv l-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali bl-użu wkoll ta' għodod diġitali, billi jippromwovu l-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu, kif ukoll l-aċċess għal ambjent diġitali affidabbli, trasparenti u divers u billi jrawmu l-parteċipazzjoni, is-solidarjetà u l-inklużjoni,
9. **Iwettqu** attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' taħriġ biex jgħinu lill-atturi f'setturi ewlenin għad-difiża tad-drittijiet fundamentali - jiġifieri l-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi - biex jiddefendu d-drittijiet fundamentali u jipproteġu lill-individwi anke fid-dinja diġitali, jipprovdu lill-utenti b'servizz pubbliku effettiv u ta' kwalità għolja fil-qasam tal-ġustizzja u jiżguraw li l-ġustizzja tkun dejjem trasparenti u aċċessibbli,
 10. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ inizjali u kontinwu mogħti lill-prattikanti tal-infurzar tal-liġi u lill-prattikanti legali, b'enfasi fuq il-promozzjoni ulterjuri ta' kultura bbażata fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, l-estensjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet professjonali diġitali, f'konformità mal-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024⁸,
 11. **Jallokaw** biżżejjed finanzjament - kemm jekk nazzjonali kif ukoll minn programmi ta' finanzjament tal-Unjoni - biex jappoġġaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet tal-media u dawk diġitali, u jiffaċilitaw l-aċċess għall-fondi għal dan l-għan.

⁸ https://commission.europa.eu/document/f782dbde-f970-430a-847d-a77ff3e428a5_mt

Bini ta' ambjent diġitali sikur fejn id-drittijiet fundamentali huma protetti

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

12. **Jissottolinja** li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tista' tiġi garantita bis-sħiħ biss billi jiġi pprovdut ambjent diġitali ġust, sikur, sigur u trasparenti, filwaqt li jiġu minimizzati r-riskji u t-theddid tal-isparju diġitali,
13. **Jinnota bi tħassib** li d-diżinformazzjoni u speċjalment id-diżinformazzjoni online qed jinxterdu b'mod wiesa', u dan qed jikkawża telf ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u fil-media, filwaqt li jxekkel id-dritt ta' kulħadd li jaċċessa informazzjoni vverifikata u l-kapaċità ta' kull individwu li jieħu deċiżjonijiet infurmati, u b'hekk jisfida l-proċessi demokratiċi u jikkontribwixxi għall-polarizzazzjoni soċjali,
14. **Jiddeplora** ż-żieda qawwija u inkwetanti fid-diskors ta' mibegħda, fir-reati ta' mibegħda u fil-vjolenza ċibernetika f'dawn l-aħħar snin fl-Ewropa⁹ u jiddispjaċih li l-użu dejjem akbar tal-internet u tal-media soċjali ffaċilita t-tixrid tad-diskors ta' mibegħda online, iffaċilitat mid-diżinibizzjoni u s-sens ta' anonimità li l-utenti tal-internet jistgħu jiżviluppaw,
15. **Ifakkar** li l-Unjoni Ewropea reċentement adottat l-Att dwar is-Servizzi Diġitali¹⁰, li jistabbilixxi regoli dwar l-obbligi u l-akkontabbiltà tal-intermedjarji, li għandu l-għan li jimminimizza l-ħsarat online u jiġġieled ir-riskji online, billi joħloq qafas legali armonizzat għall-ġlieda kontra t-tixrid ta' kontenut illegali u dannuż, u b'hekk isaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali online,

⁹ Ara, pereżempju, ir-rapporti tal-ECRI tal-2019 u l-2020 (studju annwali kkummissjonat mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew) fuq: <https://rm.coe.int/ecri-annual-report2019/16809ca3e1> u <https://rm.coe.int/annual-report-on-ecri-s-activities-for-2020/1680a1cd59>

¹⁰ Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

16. **Jiddisjaċih** li l-atturi tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti, b'mod partikolari n-nisa, huma, allegatament, soġġetti għal livelli għoljin ta' attacchi ċibernetiċi, theddid u fastidju online¹¹¹²,
17. **Ifakkar** li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għall-privatezza huma drittijiet fundamentali ewlenin fl-era diġitali, li jippermettu l-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali oħra, inkluż il-kontroll tal-individwi fuq kif id-data personali tagħhom tintuża u tiġi kondiviża kif ukoll id-dritt tagħhom għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom u tal-informazzjoni fuq l-apparat elettroniku tagħhom,
18. **Jenfasizza** li filwaqt li l-intelliġenza artiċċjali (IA) jista' jkollha effetti pożittivi sinifikanti - pereżempju, billi żżid l-effiċjenza tal-proċessi u trawwem l-innovazzjoni u r-riċerka f'oqsma differenti tal-ħajja - tista' tippreżenta wkoll sfidi sinifikanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, jekk tkun nieqsa minn trasparenza suffiċjenti u jekk tintuża mingħajr salvagwardji u kontrolli tal-kwalità adegwati,
19. **Jenfasizza** l-importanza tal-kompetenzi fil-qasam tal-media u dak diġitali fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni, il-propaganda manipulattiva, u t-teoriji ta' komplott, filwaqt li tiġi salvagwardjata l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri biex skont il-kompetenzi tagħhom:

20. **Jippromwovu** ambjent diġitali favorevoli u ġust għal dibattitu pubbliku inklużiv u pluralistiku u jgħinu lill-individwi jiddistingwu bejn sorsi affidabbli u mhux affidabbli ta' informazzjoni, jidentifikaw il-preġudizzju u l-propaganda u jiżviluppaw ħiliet ta' ħsieb kritiku, u b'hekk inaqqsu l-effetti dannużi tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni,

¹¹ https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2022-protecting-civic-space_en.pdf

¹² <https://www.osce.org/fom/safety-female-journalists-online>

21. **Jappoġġaw** l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni msaħħa tal-2022, li jibni fuq il-Kodiċi tal-2018 filwaqt li jieħu impenji ambizzjużi u jappella għal miżuri ambizzjużi mmirati lejn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online, u jhegġegħ lill-industrija taderixxi mal-istandards awtoregulatorji għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni,
22. **Ikomplu jiġġieldu** kontra d-diskors ta' mibegħda online, filwaqt li jiffukaw, fost l-oħrajn, fuq il-ħtieġa li jiġi kkriminalizzat b'mod effettiv l-inċitament għall-vjolenza u l-mibegħda, il-ħtieġa li kulħadd jifhem l-impatt tad-diskors ta' mibegħda fuq l-individwi u s-soċjetà, u li kulħadd jidentifika u jirrapporta diskors ta' mibegħda, filwaqt li jipprovdu edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali u s-sikurezza online, jgħinu lill-individwi jsiru aktar konxji tal-fatt li d-diskors ta' mibegħda huwa ksur tad-drittijiet fundamentali li jista' jkollu konsegwenzi serji u jwassal għal vjolenza fiżika, stalking, intimidazzjoni, oġġettifikazzjoni, molestja, fastidju sesswali u diskriminazzjoni, inkluż reati ta' mibegħda, u li jista' jkollu effett dissważiv fuq il-libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari fuq il-ġurnalisti, u fuq il-parteċipazzjoni f'dibattiti demokratiċi pubbliċi,
23. **Jappoġġaw u jimmonitorjaw** l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online, li wera li huwa għodda utli għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-pjattaformi teknoloġiċi fil-qasam tal-moderazzjoni tal-kontenut, sabiex tissaħħa l-effettività tiegħu,
24. **Jappoġġaw** l-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti tar-regoli li jirfdu l-ġlieda kontra l-kontenut online illegali u dannuż fl-UE, u jqajmu kuxjenza fost il-pubbliku dwar il-mekkaniżmi disponibbli għar-rappurtar ta' kontenut illegali u dannuż,

25. **Isaħħu** l-kapaċità tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi biex jinvestigaw u jħarrku reati illegali ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda online, inkluż billi jikkondividu l-aħjar prattiki u jagħmlu użu sħiħ mill-għodod u l-pjattaformi kollaborattivi, filwaqt li jippromwovu ġustizzja diġitali aċċessibbli għal kulħadd,
26. **Jiżguraw** li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti jkollhom riżorsi adegwati u persunal b'taħriġ diġitali adegwat biex jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali, u jistabbilixxu kampanji speċifiċi ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol ta' dawn l-awtoritajiet u kif jistgħu jgħinu lill-individwi jipproteġu d-drittijiet tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, sabiex jiġi żgurat, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, kif ukoll il-privatezza u l-kontroll individwali fuq id-data,
27. **Jieħdu l-miżuri meħtieġa** biex joħlqu reġimi regolatorji li jibqgħu validi fil-futur u teknoloġikament newtrali, filwaqt li jiżguraw li l-IA tiġi żviluppata u użata b'mod li jkun inklużiv, sostenibbli, iċċentrat fuq il-bniedem u b'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li titqies il-ħtieġa li kulħadd isir konxju mill-opportunitajiet li tippreżenta l-IA, iżda wkoll ir-riskji u l-isfidi li toħloq għad-drittijiet fundamentali, u kif il-kumplessità u n-nuqqas ta' trasparenza tagħha jistgħu jagħmluha diffiċli biex jiġi identifikat u ppruvat ksur possibbli tad-drittijiet jew ksur tal-liġi, u jiġu rintraċċati żbalji possibbli jew funzjonament ħażin tas-sistema.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

28. **Jilqa' b'sodisfazzjon** il-ħidma u l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-ħiliet diġitali fost l-individwi tal-Unjoni u biex issaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, anke f'kuntest diġitali, bħal:

- ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari, ir-rapport tal-2021 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Era Diġitali
- il-komunikazzjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" li wasslet għall-adozzjoni tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali
- il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
- l-Istrateġija Ewropea l-ġdida għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+)
- il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea
- il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni msaħħaħ tal-2022
- il-Kodiċi ta' Kondotta għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online tal-2016
- il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali
- inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi dwar l-intelliġenza artifiċjali, bħal-linji gwida etiċi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u tad-data fit-tagħlim u fl-apprendiment għall-edukaturi
- l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa
- l-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju
- il-pakkett dwar il-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali

- il-linji gwida għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fil-litteriżmu medjatiku
- l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Kummissjoni biex:

- 29. Timmonitorja** l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali sabiex tiżgura li l-miri u l-oġġettivi tal-istrateġija - relatati mal-kapaċitajiet diġitali fl-infrastrutturi, l-educazzjoni u l-ħiliet, u t-trasformazzjoni diġitali tan-negozju u tas-servizzi pubbliċi - jintlaħqu kif xieraq sal-2030,
- 30. Tiġġieled** kontra d-diżinformazzjoni online u l-kontenut illegali billi tissorvelja u tinforza r-regoli tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tivvaluta regolarment l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni msaħħaħ tal-2022 u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online, filwaqt li tfittex l-aderenza mill-partijiet ikkonċernati mal-istandards u l-impenji li jinsabu fihom, li għandhom l-għan li joħlqu ambjent online aktar trasparenti, sikur u affidabbli, li jirrispetta l-libertà tal-espressjoni,
- 31. Tkompli tipproteġi u tappoġġa** lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jippromwovu spazju ċiviku diġitali b'saħħtu u jibnu r-reżiljenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jifilħu għat-theddid, l-interferenza u t-tfixkil online,
- 32. Tkompli tappoġġa u tinvolvi ruħha** mal-katina kollha tal-infurzar u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-Istati Membri, fil-kuntest tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, u permezz ta' gwida, skambju ta' prattika tajba u finanzjament,

33. **Timmonitorja** l-prinċipji u d-drittijiet diġitali stipulati fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali meta tikkoopera mal-Istati Membri, bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġettivi ġenerali tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, u tqis dawk il-prinċipji u d-drittijiet finizjattivi leġislattivi u fl-isforzi għall-iżvilupp tat-teknoloġija,
34. **Tintegra** l-awtonomizzazzjoni diġitali fil-politiki rilevanti kollha tal-UE peress li l-ħiliet diġitali llum il-ġurnata huma trasversali u għalhekk huma essenzjali għall-iżvilupp tagħna fis-soċjetà diġitali, u **ssaħħaħ** l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali fil-politiki rilevanti kollha tal-UE b'komponent diġitali peress li d-dinja online u diġitali hija waħda mill-areni ewlenin għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tal-lum,
35. **Tiżgura** l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea l-ġdida għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+) biex ittejjeb is-servizzi diġitali adatti għall-età u biex tiżgura li kull tifel u tifla jkunu protetti, awtonomi u rrispettati online, filwaqt li titqies l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari l-parti 5 tagħha,
36. **Tappoġġa** inizjattivi li għandhom l-għan li jippromwovu l-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni u ħiliet diġitali permezz ta' programmi finanzjarji, bħall-FSE+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-programm Ewropa Diġitali, il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, il-programm dwar il-Ġustizzja, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u Erasmus+,
37. **Tqajjem kuxjenza u xxerred informazzjoni** dwar inizjattivi tal-Unjoni f'dan il-qasam, bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, li toffri informazzjoni u riżorsi dwar il-ħiliet diġitali, kif ukoll opportunitajiet ta' taħriġ u finanzjament.